MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 328/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-7 ta' Ottubru, 2005 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

Illi l-partijiet iżżewġu fil-11 ta' Marzu, 2003 fir-Reġistru taż-Żwieġ il-Belt Valletta (Dok CV1);

Illi, minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat ai termini ta’ l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta’ Malta b’esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu;

Illi, il-partijiet qatt ma għexu flimkien u lanqas qatt ma kkonsmaw iż-żwieġ;

Illi l-attriċi ilha tara jew tisma’ mingħand il-konvenut għal iktar minn sena;

Illi l-attriċi kkontrattat dan iż-żwieġ fi żmien ikrah ta’ ħajjitha, kif ser jiġi trattat waqt l-andament tal-kawża.

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex;

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ ċelebrat bejn il-partijiet tal-11 ta’ Marzu, 2003 huwa null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi u tagħti dawk il-provvedimenti l-oħra illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-konvenut.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati ppreżentata fl-24 ta’ April, 2006 li permezz tagħha eċċepew;

1. Illi l-eċċipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw li jipprovdu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri,

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kuraturi Deputati maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Marzu, 2003 a bażi ta' l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuti nomine minħabba li ma kinux edotti bil-fatti ma ressqux provi, iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'każ ta'

ammissjoni iżda japplika iżjed f'każ fejn il-konvenuta huwa kontumaċji u għaliex hu risaput illi l-kontumaċja fl-ordimament ġuridiku tagħna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

Madankollu l-konvenuta ppreżentat affidavit fil-kawża fl-ismijiet inversi.

L-attriċi qed tibbaża t-talba tagħha fuq sub-inċiż wieħed ta' l-Artikolu 19 u cioe';

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Mill-provi mressqa mill-konvenuta fil-kawża l-oħra jidher li l-partijiet iżżewġu wara li kienu jafu lil xulxin għal ftit xhur u li hija kienet taħt l-influwenza ta' drogi u anke ġiet mogħtija flus biex tkun tista' tħallas xi djun.

Il-Qorti għalhekk li hija konvinta li ż-żwieġ għandu jiġi dikjarat null u dan huwa *ex admissis*, żwieġ ta' konvenjenza izda billi ċelebrat qabel ġiet fis-seħħ l-emenda fil-Kapitolu 255 li kkreat reat minn żwieġ simili m'hijiex f'pożizzjoni li titlob investigazzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija iżda twissi serjament lill-partijiet biex ma jirrepetux dan l-abbuż.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fil-11 ta' Marzu, 2003. L-ispejjeż ikunu bla taxxa iżda l-attriċi għandha proviżorjament tħallas l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------